MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 827/2013

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta’ Awissu, 2013 li bih is-soċjeta attriċi fil-kwalita tagħha msemmija u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (a) issib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallasha s-somma ta’ erbatax-il elf tliet mija u sitt euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€14,306.98) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ poloz ta’ assikurazzjoni għall-ivvjaġġar (“travel insurance”) minnha maħruġa fuq talba tal-istess kumpannija mħarrka, jew somma oħra; u (b) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha l-imsemmija somma ta’ erbatax-il elf tliet mija u sitt euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€14,306.98), jew somma oħra. Talbet ukoll l-imgħaxijiet legali bi tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 233 tal-2005, sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat in-nota mressqa fis-6 ta’ Marzu, 2014, mill-istralċjarju tas-soċjeta konvenuta l-avukat Dottor Richard Galea Debono li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta konvenuta, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' it-talbiet tas-soċjeta attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf, bl-ispejjez kontra l-istess soċjeta konvenuta, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma skond l-art 26C tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sal-jum tal-ħlas effettiv. Fid-dawl tal-fatt li l-kumpannija mħarrka għaddejja minn proċess ta' stralċ, l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza għandha tħares id-disposizzjonijiet tal-art 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------